MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 922/2007

Frank Borda Limited (C446).

Vs

Anthony Robert Ebejer.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm220) ekwivalenti ghal €512.46, minghand il-konvenut, rapprezentanti kwantu ghal mitejn lira Maltin (Lm200), import ta' erba kambjali skaduti u mhux imhallsa, u kwantu ghal ghoxrin lira Maltin (Lm20) bhala spejjez ta' ittri legali. Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u tnax-il Ewro u sitta u erbghin centezmu (€512.46), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------